# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

It-Tnejn 9 ta' Jannar 2017
Festa tal-Magħmudija tal-Mulej
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej. Din il-festa tal-lum turina li Ġesù, minkejja l-qdusija tiegħu, xorta ried li jitgħammed sabiex iwettaq b'mod komplut ir-rieda tal-Missier.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 42, 1-4.6-7)
Il-profeta Isaija jurina l-kwalitajiet sbieħ ta' dak li l-Mulej Alla jkun għażlu sabiex isalva lill-poplu tiegħU.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Atti 10, 34-38)
Alla bagħat il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu lil ibnu Ġesù sabiex dan iwettaq b'mod sħiħ ir-rieda tiegħU.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 3, 13-17)
L-imħabba ta' Alla l-Missier lejn ibnu Ġesù u l-għaqda ta' bejniethom ġiet murja fil-mument tal-magħmudija tiegħu. Dan kien ukoll il-mument li fih l-Ispirtu ta' Alla niżel jgħammar f'Ġesù.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Kien Alla li fil-bidu offra lil ibnu Ġesù u mlieh bil-qawwa tiegħu. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Huwa fid-dmir ta' kull Nisrani konkret li jilqa' l-istedina kollha mħabba li Kristu jagħmel lil kull wieħed u waħda minna f'dan il-mument għażiż tat-tqarbin.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.